# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 9 ta’ Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 31**

**Avviz numru 1482/00/SM**

**Michele Angelo Zammit**

**vs**

**Joseph Psaila u Omnibus Pool.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta’ Ottubru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ghall-incident stradali li gara nhar it-28 ta’ Lulju 2000 cirka l-hdax u nofs (11.30) ta’ filghodu fit-triq ta’ Hal-Far limiti taz-Zurrieq waqt li hu kien qed isuq il-vettura numru ta’ registrazzjoni DBY 311 dahal fuq il-vettura proprjeta’ tal-attur numru ta’ registrazzjoni IAR 556 ghall-liema**

**danni hu kien unikament responsabbli minhabba negligenza, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;**

2. **Jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni hekk likwidati;**

3. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' Settembru 2000 bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficcjali kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.  Ghall-fini ta' kompetenza l-ammont ma jeccedix LM1,000;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Psaila datata t-30 ta' Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **L-ewwel talba attrici ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx htija tal-eccipjent, izda gara unikament tort tal-attur nnifsu.  Waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghandu jirrizulta li l-bus Nru. BDY 311 kienet qed tinsaq mill-eccipjent gewwa Hal-Far fin-naha taghha tat-triq meta sfat milquta fil-genb ta' wara taghha tal-lemin mill-vettura Nru IAR 556 li kienet qed tinsaq mill-attur mid-direzzjoni opposta;**

2. **It-tieni talba tal-attur ghandha tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati u x'jithallsu lill-attur;**

3. **Bla pregudizzju ghall-premess, it-talba tal-attur ghall-hlas tal-imghax kif dedotta fl-avviz hija legalment insostenibbli stante li l-quantum ta-danni pretiz mill-attur ghadu mhux likwidat u ghaldaqstant jekk imghax ikun dovut dan ghandu jiddekorri skond il-ligi mid-data tas-sentenza;**

**Tirrileva li l-assocjazzjoni konvenuta "Omnibus Pool" ghalkemm debitament notifikata baqghet kontumaci;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-attur u tal-konvenut Psaila;**

**Tirrileva li ghall-kuntrarju ta' dak sostenut mir-rapprezentant legali tal-konvenut Psaila, l-assocjazzjoni konvenuta fuq indikata hi effettivament kontumaci u ma jirrizultax li l-atti ta' din il-procedura gew ceduti fil-konfront taghha;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tal-11.30 a.m tat-28 ta' Lulju tas-sena 2000 gewwa Triq Hal-Far, limiti taz-Zurrieq;**

2. **Illi l-vetturi in dizamin kienu wahda tal-marka Lada bin-numru ta' registrazzjoni IAR-556 misjuqa minn Michele Angelo Zammit u l-ohra xarabank tal-linja bin-numru ta' registrazzjoni DBY-311 misjuq minn Joseph Psaila;**

3. **Illi l-incident sehh meta z-zewg vetturi fuq indikati kienu qed jigu misjuqa fit-triq indikata aktar qabel fid-direzzjoni opposta ghal xulxin;**

4. **Illi skond l-attur il-karozza tal-linja "bdiet thokk"mieghu u ikkagunatlu l-hsarat minnu rikjamati fl-avviz odjern ammontanti ghall-seba' mija u hames Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu, (Lm705.98,0);**

5. **Illi skond il-konvenut hu ra lill-attur gej "wrong side" ghal fuqu u b'hekk sehh l-incident;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-versjoni tal-konvenut ma tirrizultax konfortata mill-fatti kif jirrizultaw f'din il-procedura stante li kieku dan sehh il-hsarat riskontrati fil-vetturi involuti kienu jkunu differenti;**

**Illi in oltre, konducent ta' vettura hekk kbira bhal xarabank ghandu l-oneru akbar li jsuq tassew b'diligenza u mhux juza l-istanza tieghu biex jirbah u jokkupa t-triq qabel haddiehor;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet tal-konvenut Joseph Psaila, u filwaqt li tirrespingi wkoll it-talbiet attrici fil-konfront biss tal-Omnibus Pool tiddeciedi li tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif ser jinghad:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Joseph Psaila unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' seba mija u hames Liri Maltibn u tmienja u disghin centezmu, (Lm705.98,0);**

3. **Filwaqt li tillibera lill-Omnibus Pool mill-osservanza tal-gudizzju tikkundanna lill-konvenut Joseph Psaila biex ihallas l-ammont hekk likwidat lill-attur Michele Angelo Zammit, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**